MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 354/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Katia Chisari**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmija Katia Chisari talli f'dawn il-Gżejjer fl-14 ta'April 2002 u xahar qabel, ġewwa l-Belt Valletta u fi bandi oħra f'Malta f'ħinijiet differenti:

(a) kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u

meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha għall-użu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali taghha;

(b) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellha fil-pussess taghha medicina ristretta u psikotropika (ecstasy u dalmaine) meta ma kinitx awtorizzata kif imiss bi ksur tar-Regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali taghha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Lulju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 37 u 42(d) tal-Kap 9, ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101, ir-regolamenti 3(1) u 5(1) tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 31, sabet lill-imsemmija Katia Chisari ħatja bħala kompliċi taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha u ikkundannatha għall-piena ta' priġunerija ta' sitt xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €116.47 li għandha titħallas fi żmien xahar mid-data tas-sentenza appellata u jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 euro li ma jitħallsux. Ai fini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti ma ordnatx il-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti għaliex

dawn tqabbdu matul inkjesta li saret qabel is-16 ta’ Jannar 2006;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ Katia Chisari pprezentat fit-30 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li huwa difficli tikkontempla l-komplicita` fir-reat ta’ pussess ta’ droga u fi kwalunkwe kaz il-fattispecia tal-kaz ma jikkostitwux l-elementi tal-komplicita`; (2) li l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh fuq ix-xiehda ta’ Mary Anne Zerafa li mhijiex xhud attendibbli.

Evidentement l-appellanti qed titlob li din il-Qorti taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux

addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Dan il-kaz huwa msejjes fuq ix-xiehda ta’ certa Maryanne Zerafa. L-appellanti tattakka l-kredibilita` taghha. Tghid l-ewwelnett illi, kif xehed il-*clinical psychologist*, Maryanne Zerafa *“can easily be led”*. Skond l-appellanti, din l-asserzjoni “tincidi fuq il-kredibilita` ta’ l-istess xhud.” Inoltre l-appellanti tghid illi din ix-xhud biddlet il-verzjoni taghha bosta drabi. Ghalhekk, issostni l-appellanti, it-testimonjanza ta’ Maryanne Zerafa ghandha titqies *“unsafe”*. L-appellanti zzid tghid li l-verzjoni moghtija minn Maryanne Zerafa m’ghandhiex mis-sewwa, u cioe` li l-appellanti flimkien ma’ ohrajn kellhom access liberu ghall-appartament taghha, u li kienu jabbuzaw minn tali kordjalita` billi jzommu d-droga hemm; kellha kull interess li tixhed f’dan is-sens biex tiskolpa lilha nnifisha.

L-ewwel Qorti kellha l-vantagg li tara u tisma’ x-xhieda u ghalhekk kellha kull possibilita` li taghmel il-valutazzjoni opportuna tal-kredibilita` tax-xhieda skond il-linji ndikati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-ewwel Qorti difatti kkonkludiet li setghet toqghod fuq ix-xiehda ta’ Maryanne Zerafa. Hija fil-fatt qalet hekk fis-sentenza appellata:

**“… il-*clinical psychologist* kien xehed li l-ahjar kompetenza tax-xhud Maryanne Zerafa kienet f’dik li hi *short term memory*” (ara s-sentenza tat-30 ta’ Novembru 2004 pagna 3).**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**“Il-fatt li x-xhud kien *‘easily be led’* ma jfissirx li ma tistax tixhed kif suppost. U jekk hi b’sahhitha fix-*short term memory*, dan huwa *asset* ghaliex ix-xhud Maryanne Zerafa ghamlet stqarrija quddiem il-Pulizija fil-15 ta’ April 2002 fis-14.30 jigifieri anqas minn 24 siegha wara li sar ir-*raid* tal-Pulizija. Hija wkoll ikkonfermat l-istqarrija quddiem il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Antonio Mizzi fid-9 ta’ Ottubru 2002 [*recte:* 16 ta’ April 2002]. Barra minn dan, dak li qalet kien car – ukoll fuq il-pedana tax-xhieda – u ma kienx hemm xi grajja komplikata.**

**“Ghalhekk il-Qorti mhix tilqa’ s-sottomissjoni tad-difiza dwar ix-xhud Maryanne Zerafa u qed tiddeciedi li tista’ toqghod fuq dan ix-xhud li l-Qorti rat tixhed quddiemha.”**

Ftit hemm x’jista’ jizdied ma’ dan li qalet l-ewwel Qorti. Evidentement, il-fatt li Maryanne Zerafa hija persuna li *she could easily be led*, kien il-fattur determinanti li wassal biex haddiehor japprofitta ruhu minnha u juza l-appartament taghha bhala post ghad-depozitu jew habi ta’ sustanzi lleciti u affarijiet ohra li haddiehor ma riedx li jinstabu fil-pussess tieghu. Jigifieri l-fatt stess li *she could easily be led* ixejjen is-sottomissjoni ta’ l-appellanti li l-verzjoni li tat Maryanne Zerafa ma kinitx verzjoni verosimili.

Kwantu ghas-sottomissjoni li Maryanne Zerafa biddlet il-verzjoni taghha diversi drabi, din il-Qorti ezaminat l-istqarrija li ghamlet lill-Pulizija fil-15 ta’ April 2002, ix-xiehda li tat quddiem il-Magistrat Inkwirenti fis-16 ta’ April 2002 u x-xiehda li tat quddiem l-ewwel Qorti fit-30 ta’ April 2007 u fis-16 ta’ Novembru 2009. Minn hawn jirrizulta li hija kkonfermat bil-gurament darbtejn l-istqarrija li ghamlet lill-Pulizija. Skond il-verzjoni unika rizultanti minn dik l-istqarrija, Maryanne Zerafa qalet li d-droga li nstabet fl-appartament taghha kienet ta’ Monique Borg u Ludvic Bugeja u li kif kienet niezla t-tarag iltaqghet ma’ Katia Chisari li f’idha kellha d-droga u qaltilha li kienet ser tpoggiha gewwa l-appartament taghha (ta’ Zerafa) ghax il-

Pulizija kienu arrestaw lil Raymond Borg maghruf bhala l-Borza.

Imbaghad in kontro-ezami giet mistoqsija kif kienet taf li d-droga kienet ta' Monique Borg u Ludvic Bugeja, u t-twegiba taghha kienet: "Ghax Ludvic gieli tela' ghalihom hux. Ma nafx ta' min huma ezatt." Qalet ukoll li gieli kienet fl-appartament meta Ludvic Bugeja tela' ghalihom filwaqt illi t-tnejn l-ohra qatt ma telghu – naturalment meta kienet fl-appartament. Giet mistoqsija wkoll kif kienet taf illi Katia Chisari kellha d-droga f'idejha u ratx x'kellha f'idejha. Maryanne Zerafa wiegbet fin-negattiv, cioe` li ma ratx x'kellha Chisari f'idejha, u qalet li kellha d-droga ghax "indunajt meta kien hemm il-Borza arrestat, telghu biex jerfghu l-affarijiet."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li wiegbet Maryanne Zerafa in kontro-ezami ftit ibiddel mill-verzjoni originali taghha. Difatti hija kkonfermat li kienet tat cavetta wahda biss ta' l-appartament lil Monique Borg u nonostante li c-cavetta kienet fdatha lil Monique Borg, kien hemm okkazjonijiet fejn kien jitla' Ludvic Bugeja fl-appartament taghha. Fl-istqarrija taghha, u dan ma giex kontradett, qalet li dakinhar li Katia Chisari telghet bid-droga ma kinitx l-ewwel darba li kienu tellghu d-droga ghandha u din il-bicca xoghol kienet ilha sejra xi xahar, "kemm ilni li tajtha c-cavetta". Kwantu ghall-okkazjoni meta tghid li Katia Chisari tellghet id-droga, mill-istqarrija ta' Maryanne Zerafa jirrizulta li Katia Chisari stess indikatilha x'kellha f'idejha.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-appellanti Katia Chisari kienet hatja bhala komplici. Peress illi l-appellanti kellha d-droga f'idejha dakinhar ta' l-14 ta' April 2002, dan ifisser li d-droga kienet fil-pussess jew taht il-kontroll taghha u ghalhekk setghet tigi dikjarata hatja bhala awtur. Mill-banda l-ohra bil-fatt li qieghdet id-droga fl-appartament ta' Maryanne Zerafa bil-kunsens ta' l-istess Zerafa jfisser li b'hekk ghenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie kkunsmat, f'dan il-kaz il-pussess ta' drogi kontra l-ligi minn Zerafa.

Konsegwentement l-aggravji ta' l-appellanti huma michuda.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan li l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------